# San Leonardu fil-knisja tal-Vittorja f'Ħal Qormi



George Micallef

Is-sena l-oħra meta ġejt fir-raħal ta' Ħal Kirkop għall-festa ta' San Leonardu u ġie f'idejja l-ktieb li ta' kull sena joħroġ il-każin fl-okkażjoni tal-festa iddeċidejt li nikteb xi ħaġa fuq id-devozzjoni lejn il-qaddis Leonardu f'Ħal Qormi.

Fil-5 ta' Frar, 1575 l-Isqof Dusina għamel vista pastorali f'Ħal Qormi u fost il-ħafna knejjes li sab imxerrdin mar-raħal sab waħda dedikata lil San Leonardu. Dijonisju Cassar li kellu tomnejn raba fit-triq San Nikola (llum ma għadiex teżisti) kien fid-dmir li ta' kull sena f'jum il-festa tal-qaddis nhar is-6 ta' Novembru jieħu ħsieb jagħmel il-Festa b'għasar u quddiesa u kien iqassam xi frott, ġewż u nbid kif ukoll kien jieħu ħsieb li jitma lis-saċerdot li jkun mexxa l-festa. Dan kien jitħallas mill-qbiela ta' l-għaqda imsejħa "ta' San Nikola" u li din it-tħollija ta' flus kull sena biex issir il-festa tidher fl-atti tan-nutar Dun Brandanu Caxaro fl-14 ta' Jannar 1547. Imma f'din il-vista l-Isqof kien sab li l-knisja kienet nieqsa minn rettur, bibien ta' l-injam u ħwejjeġ oħra meħtieġa. L-isqof obliga lil istess Dijonisju li fi żmien xahar kellu jieħu ħsieb li jsiru il-bibien kif ukoll il-ħwejjeġ l-oħra meħtieġa. Jekk kien jonqos milli jagħmel dan kien jeħel multa ta' 10 skudi. U sakemm kellu jsir dan ix-xogħol l-isqof ordna li s-servizz li kienet tagħti dil-knisja għalissa jibda jsir f'dik parrokkjali ta' San Ġorġ. Meta Mons. Dusina spiċċa minn Isqof sar minfloku Fra Tumas Gargallo u dan ma naqasx li hu wkoll jagħmel vista pastorali f'Ħal Qormi, infatti nsibu li f'dil-vista li saret



*Knisja tal-Vittorja, Ħal Qormi.*

fis-sena 1578 terġa' tissemma' l-knisja dedikata lil San Leonardu imma li kien sabha fi stat ħażin u ordna li tiġi rranġata. Insibu li wara ġiet imsewwija u miftuħa mill-ġdid mill-istess Isqof. Hu kien ordna li sa kemm tiġi rranġata l-knisja d-dmirijiet li kienu jsiru fiha kellhom isiru fil-knisja ta' San Nikola li kienet fil-viċin, u jsiru mill-kappillan tal-parroċċa. Fl-aħħar vista pastorali li tissemma dil-knisja kienet il-vista li għamel l-Isqof Fra Ġwann Balaguer Camarsa fl-1650. Instab li kienet fi stat ħażin ħafna, infatti ordna li tiġi profonata jiġifieri tiġi mwaqqa'. L-istess xorti messet lil numru ta' knejjes oħra li kienu fil-viċin. Qrib is-sena 1686 inbniet il-knisja dedikata lit-twelid tal-Madonna magħrufa fostna bħala l-knisja tal-Vittorja u għal xi żmien magħrufa wkoll bħall tal-Fuqqanija. B'tifkira tal-knejjes li ġew profonati fiha saru erba' artali fil-ġnub bit-titular ta' dawn il-knejjes. Wieħed minn dawn l-artali ġie dedikat lil San Leonardu u ġie mżejjen bi skultura mill-isbaħ fejn għadu hemm sal-lum. B'tifkira ta' dawn il-knejjes ukoll sar salib kommemorattiv fl-istess pjazza tal-Vitorja li jġib is-sena 1688.



*Artal San Leonardu fil-Knisja tal-Vittorja, f'Ħal Qormi.*

Fis-sena 1993 dil-knisja tal-Vittorja sarilha restawr billi nġabet fuq il-ġebla u b'hekk ħadet xejra oħra. Din il-knisja tinfetaħ kuljum għall-quddies u fiha matul is-sena jsiru funzjonijiet liturġiċi kollha nkluż is-Sepulkru u l-festa ta' Marija Bambina li tiġi ċċelebrata kif jixraq Ħadd fuq it-8 ta' Settembru.

Ma nistax ma nsemmix f'dan l-artiklu fqajjar tiegħi, lil Dun Frans Abdilla (li hu Iben denn din il-Parroċċa Koppija) ex Arċipriet tal-Parroċċa li tagħha din il-knisja hi filjali, jiġifieri l-parroċċa Arċipretali ta' San Ġorġ. Żgur li fil-parrokat tiegħu li dam 10 snin (1995–2005) għalkemm mhux f'raħal twelidu kien iħossu mkennen u mħares mill-qaddis Leonardu anke f'Ħal Qormi. Ma kienx jonqos li nhar is-6 ta' Novembru jitla' l-Vittorja jqaddes f'ġieħ San Anard fil-quddiesa tal-ħin. Nieħu din l-opportunità biex lil Dun Frans ngħidlu grazzi f'isem il-Qriema Ġorġjani ta' kemm għamel magħna kemm dam fostna. Nieħu wkoll din l-opportunità biex nawgura lilkom ulied il-qaddis Leonardu, il-festa t-tajba, festa li tassew tixraq lil dan il-Qaddis tal-Mulej.